**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Luke Bonello**

**Vs**

**Edward Cardona**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Edward Cardona iben Emanuel u Maria Cristina xebba Mifsud, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Marzu 1982 u residenti gewwa 21, St. Elena, Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 175682(M);

Talli fit-12 ta' Frar 2015 bejn il-5:30pm u 8:50pm, gewwa 21, St. Elena, Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer:

1) Ikkaguna annimal isofri tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) Naqas mir-responsabilita ghat-trattament xieraq tal-annimal tieghu;

3) U kif ukoll naqas milli jassigura lill annimal tieghu protezzjoni minn ugigh, tbatija, korriment u mard.

U dan bi ksur ta' Artikolu 8 (2)(3)(4) tal-Kap 439, Trattament Xieraq tal-Annimali, tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fit-12 ta' Frar 2015 u fis-snin ta' qabel gewwa 21, St. Elena, Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer zamm kelb t'erbgha xhur jew aktar minghajr licenzja, u dan bi ksur ta' artikolu 5 (2) tal-Kap 437, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-28 ta' Jannar 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputat b'mod sommarju;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-partijiet kienu lahqu ftehim bejniethom, u xtaqu li l-konkluzjoni u s-sentenza moghtija fil-proceduri li kien hemm fil-konfront tal-parti leza jigu rispekkjati f'dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 8 (2)(3)(4) tal-Kap 439 u l-Artikolu 5 (2) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda timmultah is-somma ta' elf ewro (€1,000.00).

Ttordna lill-imputat sabiex ihallas l-ammont ta' wiehed u sebghin ewro u sittin centezmu (€71.60) bhala spejjez lid-Direttur Servizzi Veterinarji.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**